MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 415/2012

**Salvina Falzon [K.I. Nru. 0585715M]**

**vs**

**Elizabeth armla mill-Imhallef Spiridione Camilleri**
**Christine Camilleri [KI Nru. 279662M]**
**Mark Camilleri [KI Nru. 408555M]**
**Simone mart Alfred Falzon [K.I. Nru. 117358M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fit-8 ta' Gunju, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin euro u tmienja u erbghin centezmu ta' euro [€225.48] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Thallsuha c-cens annwu u perpetwu ghall-perjodu mis-7 ta' Marzu, 2009 sas-6 ta' Marzu, 2013 imposti fuq il-fond 39 gja 23, Mannarino Road, Birkirkara bir-rata ta' EWRO 56.37c imhallsa kull sena bil-quddiem lill-attrici,

globalment ammontanti ghal EWRO 225.48c oltre l-imghax legali mis-7 ta' Marzu 2009 u dan skond kuntratt tal-14 ta' Awwissu 1958 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument A kif ukoll il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' cens annwu u perpetwu tas-7 ta' Marzu, 1958 fl-atti tan-Nutar Dottor Emanuele Agius.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tad-19 ta' April, 2010 u tat-2 ta' April, 2012 u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimati gew lkoll debitament notifikati bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fis-16 ta' Gunju, 2012, ma kkontestawx it-talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-13 ta' Lulju, 2012 u ta' nhar is-17 ta' Settembru, 2012.

Ra li fit-13 ta' Lulju, 2012 Dr. Daniel Buttigieg ghar-rikorrenti rrileva li l-istess rikorrenti nghatat cheque mill-intimati fl-ammont indikat fit-talba u ghaldaqstant wara li dan ic-cheque jigi msarraf il-mertu jkun ezawrit.

Ra n-nota tar-rikorrenti pprezentata fis-17 ta' Settembru, 2012 li permezz taghha hija ddikjarat li s-sorte mitlub fil-kawza odjerna thallas u kull ma ghad jonqos hija l-kwistjoni ta' l-ispejjez.

Ikkunsidra;

Jirrizulta, u dan mhux kontrastat mill-intimat, li r-rikorrenti kellha taghmel dawn il-proceduri sabiex tigbor arretrati ta' cens minghand l-intimati, dovut minnhom bil-quddiem fuq il-fond 39, gja 23, Mannarino Road, Birkirkara u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratti datati 14 ta' Awwissu, 1958 (atti Nutar Angelo Sammut) u 7 ta' Marzu, 1958 (atti Nutar Emanuele Agius). Gara li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-intimati hallsu lir-rikorrenti l-ammont minnha reklamat fit-talba odjerna. Irrizulta ukoll, u dan skond ma hemm miktub fit-talba, li diga kienu saru talbiet ghal hlas permezz ta' zewg ittri legali datati 19 ta' April, 2010 u 2 ta'

April, 2012 izda l-intimati baqghu ma hallsu xejn u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.

Ghalhekk jirrizulta li dawn il-proceduri saru sforz l-intransigenza ta’ l-intimati li jhallsu dak dovut minnhom skond il-kuntratti hawn fuq imsemmija.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tan-nota datata 17 ta’ Settembru, 2012, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-rikorrenti ghar-rigward tal-hlas tas-sorte mitlub IZDA jikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------